**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Francis Refalo, bin Peter u Mary Grace xebba Pisani, imwieled nhar it-8 ta' Jannar, 1969, fl-Awstralja, residenti gewwa l-fond 'Hillock', Blk A, Flat 12, Triq il-Qolla s-Safra, Marsalforn, Ghawdex, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 112685(M)**

***Numru: 225/2018***

Illum, 27 ta' Novembru, 2019

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Francis Refalo,** u cioe` talli:

Nhar il-21 t'April, 2018 ghall-habta tad-08:45AM fl-inhawi tal-Qbajjar,

1. waqt stagun maghluq ghat-tehid tal-ghasafar, ha jew pprova jiehu xi ghasfur bi ksur ta' Regolamenti 18(1)(c) ta' L.S. 549.42;

2. ha jew ipprova jiehu xi ghasfur li huwa protett taht ir-Regolamenti dwar il- Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi (L.S.549.42) mhux skont dawn ir-

regolamenti u mhux skont il-kondizzjonijiet ta' kull licenzja moghtija bi ksur tar-Regolamenti 4(1)(a) ta' L.S,549.42;

3. Akkużat ukoll talli ma żarmax u ma neħħiex l-imnasab (inklużi xbieki u lasti) minn fuq il-post tal-insib immedjatament meta għalaq l-istagun tal-insib fil-Harifa tal-2017 bi ksur ta' kundizzjoni 8 tal-Liċenzja Speċjali għall-insib limitat tal-għasafar tal-għana fil-Harifa tal-2017 hekk kif mitlub minn Regolament 7(h) ta' L.S 549.93;

Il-Qorti giet mitluba li bis-saħħa ta' regolament 27(2) tal-A.L. 79 hekk kif emendat (L.S. 549.42), barra li tagħti l-piena skont il-ligi, tordna l-konfiska tal-*corpus delicti* r-revoka ta' kull liċenza jew permess maħruga taħt ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, għall-perijodu applikabbli.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-artikoli.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

**Emanuel Muscat** in rapprezentanza tal-Wild Bird Regulation Unit xehed li ghalkemm l-imputat kien licenzjat ghall-insib, fil-21 t'April, 2018 l-istagun tal-insib ghall-ghasafar tal-ghana kien maghluq.[1] Fuq domanda tal-abbli difensur tal-imputat ikkonferma li biex taqbad il-hammiem selvagg japplikaw disposizzjonijiet legali ohra.[2] Madanakollu ma hemm l-ebda insib ghall-hammiem ghax dan jittiehed b'mod differenti b' *air gun* jew sistemi ohra. Jirrepeti li nsib ghall-hammiem ma jezistix. Ikkonferma li hammiem tal-privat ma jaqax taht ir-regolamenti citati fl-akkuzi izda hammiem fis-selvagg huma koperti ghaliex huma ghasafar fis selvagg.[3]

[1] Fol.56
[2] Fol.57
[3] Fol.58-59

**Bettina Volpe Freiwald** xehdet kif fl-20 t'April, 2018 *"we found a trapping site. And in the afternoon we went in this field and* ***there were also cages with quails in it as decoys.*** *And we took photos and then we went away......on the next day, on the twenty-first (21st) of April, 2018, we called the police and two ALE agents came. ....right in the moment when we came to the entrance of this field pass, a car was getting out of this way and the police stopped him. At that moment I also took a photo of the car.....MID452. And the police stopped the driver and they went together with them to the path to the quail net that was at the end of the path .....later we met again the police and they said they took his identity and that he will be accused of illegal trapping."*[4].

Ix-xhud identifikat lill-imputat bhala l-persuna li kienet fl-ghalqa imsemmija. In kontro-ezami kkonfermat li rat id-*decoys* u l-ixbiek fl-20 ta' April peress li fil-jum tal-21 ma marrietx fuq is-sit,[5] *"I only saw the site on the twentieth (20th)...I only saw the man coming out when the police went to the place but they said they had dismantled it."*[6]

Kif tajjeb osserva l-abbli difensur tal-imputat l-affidavit ta' PC707 jirreferi ghat-12 t'April. Madanakollu x-xhud, li anke tissemma fl-istess affidavit, hi kategorika u tghid li l-jum kien dak tal-21 t'April. Ghalhekk ma hemmx dubbju li dan hu *typing error* fejn gew inversi n-numri mill-imsemmi kuntistabbli. Tant hu hekk li **PC1549 Bajada** jaghmel riferenza ghall-istess xhud kif ukoll ghal PC707 meta jiddeskrivi dak li sehh fil-21 t'April, 2018!

F'dan l-affidavit simili ghal dak dikjarat minn PC707 Hili, il-kuntistabbli Bajada jiddikjara *"f'Marsalforn kien hemm xi mara barranija li talbet ghall-Pulizija biex turina xi postijiet fejn hemm xbieki illegali. Morna Marsalforn u sibna lil certa Eva Maria Volpe Freiwald u talbitna nsegwuha bil-karozza u haditna f'post fi Triq Habel it-twil il-Qbajjar. Hemm sibna lil Francis Refalo ID112685G li kien fl-ghalqa tieghu. Dak il-hin innutajt li barra li kellu kamra bil-hammiem fiha, kellu wkoll xibka mifruxa fl-art go l-ghalqa u kien hemm gagga vojta fuq l-imsemmija xibka. Meta staqsejnieh ghala x-xibka kienet hemm qalilna "dik ghamiltha hemm minhabba l-hamiem". Ix-xibka u l-gagga gew ikkonfsikati u mehuda l-ghassa tar-Rabat."*[7]

[4] Fol.63-64
[5] Fol.64
[6] Fol.65
[7] Fol.7

Din il-Qorti hi rinfaccjata bix-xhieda ta' Freiwald li ghalkemm ma marritx fuq is-sit dakinhar li l-imputat intsab fuq is-sit mill-pulizija, xehdet kif il-gurnata ta' qabel kienet lemhet *"cages with quails in it as decoys"*, tant li l-ghada instabet xibka kif ukoll gagga mill-pulizija propju kif kienet ikkonstatat il-jum ta' qabel.

It-tielet imputazzjoni tirrigwarda ksur tar-regolament 7(h) tar-***Regolamenti dwar Qafas Biex tigi Permessa Deroga li Tiftah l-Istagun fil-Harifa Ghall-Insib tal-Ghasafar tal-Ghana, L.S. 549.93,*** li jipprovdi:

> 7. Kull liċenza għall-insib għall-għasafar tal-għana fil-Ħarifa maħruġa skont id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti għandha: .....
>
> (h) tispeċifika li l-imnasab għandhom jitħallew skargati u kompletament ċatti mal-art fil-ħinijiet kollha li fihom ma jkunx permess l-insib, u meta jagħlaq l-istaġun tal-insib fil-Ħarifa <u>jiżżarmaw u jitneħħew minn fuq il-post:</u>
>
> Iżda meta x-xbieki jkunu skargati u mpoġġija kompletament ċatti mal-art, il-persuna bil-liċenza għandu jieħu dawk il-miżuri kollha <u>biex jaċċerta ruħu li ma jista' jkun hemm l-ebda speċi li aċċidentalment tinqabad fix-xbieki meta ma jkunux attivi;</u>

Mhemmx dubbju li ma ttiehdet l-ebda azzjoni simili mill-imputat. Anzi fil-gaggeg kien hemm anke ghasafar kif xehdet li rat b'ghajnejha Freiwald!

Issa mhemmx dubbju li l-imputat ghandu kull dritt jaghzel li ma jixhidx. Hekk ghamel. Izda kkonfrontat b'dawn il-provi cirkostanzjali kien fid-dmir u kien jaqbel lilu li jispjega lill-qorti ghaliex halla xibka u gagga.

Bid-dovut rispett lejn l-abbli difensur tal-imputat dak li Refalo stqarr *a tempo vergine* mal-Pulizija mhux prova ammissibbli. Ma ttiehdet l-ebda stqarrija tal-imputat wara li gie notifikat bid-drittijiet tieghu, inghata id-debita twissija (*caution*) kif ukoll id-dritt li jikkonsulta u jkun rapprezentant minn avukat ta' fiducja. Il-Qorti kienet tistenna li permezz ta' provi ammissibbli l-imputat jipprova sal-grad mistenni minnu dak li donnu jaccenna ghalih fit-trattazzjoni tieghu kif ukoll mid-domandi in kontro-ezami maghmula lix-xhud Muscat u cioe` li x-xibka kienet hemm biex jigi protett il-pizzelli li suppost kellu mizrugh fl-ghalqa. Minflok hawn <u>bahh assolut ta' provi</u> biex issostnu d-difiza tal-imputat.

Ghalhekk fid-dawl ta' dawn ir-rizultanzi processwali, l-Qorti tqis li l-prosekuzzjoni ppruvat il-kaz taghha sal-grad rikjest.

Mill-fedina penali ferm kkulurita jirrizulta li l-imputat instab hati ta' reati simili b'sentenzi moghtija f'Mejju u f'Novembru tal-2010 kif ukoll fl-2011. Evidenza mill-iktar cara li l-multi fuqu imposti ma servew ta' l-ebda deterrent.

Ghalhekk il-Qorti hi kostretta li tapplika l-provvedimenti tar-regolament 27(2)(b) tar- ***Regolamenti dwar il-Konservazzjoni ta' l-Ghasafar Selvaggi*** li jipprospetta l-imposizzjoni ta' multa ta' mhux inqas minn elf euro (€1,000) iżda mhux iżjed minn għaxart elef euro (€10,000), jew priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn sitt xhur iżda mhux iktar minn sentejn, jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien kif ukoll il-konfiska tal-*corpus delicti*.

Fir-rigward tal-ewwel u tat-tieni imputazzjoni japplika l-principju tal-konkors formali ta' reati, fejn fil-kaz in dezamina l-piena ghaz-zewg imputazzjonijiet hi l-istess wahda kif ravvizata bir-regolament 27(2)(b) appena citat.

It-tielet imputazzjoni serviet bhala mezz ai fini ghall-ewwel zewgt imputazzjonijiet.

Ghal dawn il-mottivi, wara li rat l-artikoli 17 u 31 tal-***Kodici Kriminali***, ir-Regolamenti 4(1)(a), 18(1)(c) u 27 tar-***Regolamenti dwar il-Konservazzjoni ta' l-Ghasafar Selvaggi (L.S.549.42)***, r-regolamenti 7(h), 9 u 10 tar-***Regolamenti dwar Qafas Biex tigi Permessa Deroga li Tiftah l-Istagun fil-Harifa Ghall-Insib tal-Ghasafar tal-Ghana, (L.S.549.42),***[8] issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, tikkundannah ghal sena prigunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghal sentejn millum.

Ai termini tar-regolament 27(2)(b) tar-***Regolamenti dwar il-Konservazzjoni ta' l-Ghasafar Selvaggi (L.S.549.42)***, il-Qorti qed torda r-r**revoka permanenti** ta' kull liċenza jew permess mahruga f'isem l-imputat, maħruġa taħt dawn ir-regolamenti u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija.

[8] Fis-sehh fiz-zmien li fih twettaq ir-reat.

Ghalkemm il-prosekuzzjoni qed titlob il-konfiska tal-*corpus delicti,* li strettament tinkludi wkoll l-ghalqa msemmija, l-istrumentalitajiet li bieh twettqu ir-reati li dwarhom qed tinstab htija baqghu ma gewx esebiti, mqarr formalment, u ghaldaqstant il-Qorti giet prekluza milli tordna l-konfiska tal-*corpus delicti.*

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Magistrat**